MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1849/1999/1

**Michael Grech**

**Vs**

**Malcolm Robert Woolsey**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat is-sentenza taghha tat-13 ta' Ottubru, 2003 a fol. 124 li biha dina l-Qorti ddecidiet il-kwistjoni dwar ir-responsabilita' ghall-incident u halliet il-kawza ghall-prova dwar id-danni fuq il-karozza tal-konvenut.
Rat is-*survey report* datat 5 ta' Mejju, 1999 Dok. MG a fol. 138 li gie konfermat minn Joseph Buttigieg a fol. 142 u li ma giex kontestat.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi skond dana s-*survey report* l-karozza tal-konvenut kienet *beyond economic repair* u giet stmata li kellha *pre-accident* valur ta' Lm800 mentri kellha *wreck value* ta' Lm50.

Illi skond is-sentenza fuq riferita l-konvenut ghandu dritt idahhal kwart il-valur tal-karozza tieghu, ammontanti Lm187.50 u jzomm ir-*wreck* huwa, jew inkella Lm212.50 u *wreck* jehodha l-attur.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur tlett kwarti tas-somma ta' elf, hames mija u tmintax il-lira Maltin u erbatax il-centezmu (Lm1,518.14) cjoe' elf, mija u tmienja u tletin lira Maltin, sittin centezmi u hames millezmi (Lm1,138.60.5);
tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut fl-ammont ta' mija u sebgha u tmenin lira Maltin u hamsin centezmi (Lm187.50) u l-konvenut izomm *wreck* huwa jew mitejn u tnax il-lira Maltin u hamsin centezmi (Lm212.50) jekk ir-*wreck* ser jehodha l-attur;

Bl-imghax mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez skond ir-rispettivi rebh u telf.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------